MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1209/2002

**Joseph u Beatrice konjuġi Galea u Joseph u Leah Susanne konjuġi Attard**

**-vs-**

**Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, Direttur tad-Dipartiment tad-Drenaġġ; Direttur Ġenerali għas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali u Direttur ta' l-Agrikoltura; u b'digriet tas-16 ta' April 2008 il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma ġiet awtorizzata tassumi l-atti minflok id-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenaġġ b'effett mill-1 ta' Ottubru 2003.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-29 ta' Ottubru 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi huma għandhom fil-pussess tagħhom għelieqi kif wkoll serer fuq uħud mill-istess għelieqi u dan fl-inħawi magħrufa bħala tal-Qammiegħ limiti tal-Mellieħa;

U illi sabiex jissaqqew il-prodotti li jitkabbru f'dawn l-għelieqi l-atturi għandhom ġewwa l-għelieqi tagħhom spieri li minnhom jittella' l-ilma;

U illi minn xi snin ilu ġiet innutata ħsara fis-sistema tad-drenaġġ li tgħaddi mill-inħawi, liema ħsara ppersistiet u li minħabba fiha safa kkontaminat l-ilma li jittella' mill-ispieri msemmija bir-rizultat illi l-prodotti ta' l-atturi, kemm fl-għelieqi kif wkoll fis-serer, iddeterjoraw u ma baqgħux jikbru b'mod normali;

U illi l-ilma wżat sabiex jissaqqew il-prodotti ġie ċertifikat mill-Ispetturi tas-Sanita' bħala mhux tajjeb sabiex jissaqqew il-prodotti ta' l-atturi għaliex ikun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem;

U wkoll illi wara ftit xhur is-sitwazzjoni tant aggravat illi l-pompi ta' l-ilma ma baqgħux itellgħu ilma mill-ispieri, iżda biss ħama;

U illi konsegwenza tas-suespost, l-atturi kellhom iwaqqfu l-produzzjoni agrikola tagħhom u għadhom sa llum il-ġurnata ma jistgħux jerġgħu lura għall-produzzjoni normali tagħhom;

U illi l-konvenuti jew min minnhom reċentement għamlu xi xogħlijiet fuq is-sistema tad-drenaġġ, iżda xorta waħda l-ilma li qed jiġi mtella' mill-ispieri għadu jinten u ma' jistax jintuża jekk mhux b'periklu għas-saħħa tal-bniedem;

U illi l-ħsara fis-sistema tad-drenaġġ u l-konsegwenti kontaminazzjoni u nuqqas ta' ilma fl-ispieri ta' l-atturi seħħet minħabba neliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom li kienu obbligati li jieħdu dawk il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex din il-ħsara ma seħħx u wkoll kienu obbligati li jipprovdu soluzzjoni fl-aqsar żmien possibbli sabiex din il-ħsara tissewwa, iżda

naqsu li jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex l-ilma li fuqu tiddependi l-produzzjoni ta’ l-atturi ma jkomplix jiġi kontaminat;

U illi b’konsegwenza ta’ l-aġir, jew nuqqas, da parti tal-konvenuti jew min minnhom l-atturi sofrew u għadhom qed isofru danni konsiderevoli;

U illi l-konvenuti, interpellati anke uffiċjalment permezz ta’ protest datat 6 t’Awissu, 2002 u ittra uffiċjali datata 8 t’Ottubru, 2002 sabiex jgħaddu għall-likwidazzjoni u ħlas ta’ danni kollha sofferti mill-atturi u sabiex jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji ta’ natura permanenti sabiex tigi evitata ħsara ulterjuri baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant, jgħidu għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni li tista’ tkun meħtieġa:

1. Tiddikkjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi b’riżultat tal-ħsara fis-sistema tad-drenaġġ u konsegwenti kontaminazzjoni ta’ l-ispieri kif fuq premess;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi kawża tal-kontaminazzjoni ta’ ilma msemmija;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata;

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju u taħt is-superviżjoni ta’ periti nominandi, jagħmlu dawk ix-xogħlijiet riparatorji ta’ natura permanenti sabiex ma jibqax jiġi kkontaminat l-ilma fl-ispieri li jinsabu ġewwa l-għelieqi ta’ l-atturi;

5. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas tal-konvenuti u a spejjeż ta’ l-istess konvenuti, jew min minnhom, jagħmlu huma x-xogħolijiet neċessarji u dan taħt is-superviżjoni ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tas-6 t'Awissu, 2002 u l-ittra uffiċjali tat-8 t'Ottubru, 2002, u bl-imgħax, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni. Bir-riserva għal kull azzjoni fil-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijet tal-konvenut u d-Direttur Ġenerali għas-servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali u tad-Direttur ta' l-Agrikoltura preżentata fit-3 ta' Jannar 2003 li permezz tagħha espona:

1. Preliminarjament in-nullita' tan-notifika taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smiegħ *stante* li ma ġiex ukoll innotifikat bihom l-Avukat Ġenerali;

2. Illi mkien miċ-ċitazzjoni jew mid-dikjarazzjoni li takkumpanja l-istess ma' jirriżulta illi hemm xi allegat li għalih jistgħu jirrispondu l-esponenti, jew xi talba li tista' tintlaqa' fil-konfront tagħhom u għalhekk huma ġew iċċitati inutilment u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost d-dipartiment responsabbli diġa ħallas lill-atturi għall-ħsarat minnhom sofferti minħabba ħsarat fis-sistema, liema danni ma għandhomx illum jissussistu, iżda l-atturi ma aċċettawx is-somma lilhom imħallsa għax jippretendew kumpens għal danni li qatt ma sofrew;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u d-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenaġġi prezentata fit-3 ta' Jannar 2003 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi nħasset il-ħtieġa li jsir *'upgrading'* tas-sistema tad-drenaġġ fil-post magħruf bħala l-Qammiegħ, limiti tal-Mellieħa, f'Jannar tas-sena 2002, u mhux minħabba ħsara fis-sistema tad-drenaġġ li skond kif qegħdin jallegaw l-atturi ilha teżisti minn xi snin ilu;

2. Illi konsegwentement nbdew il-proċeduri sabiex jitwettaq dan ix-xogħol ta' *'upgrading'* tas-sistema tad-drenaġġ, da parti tad-Dipartiment tad-Drenaġġ, liema xogħlijiet tlestew fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju, 2002;

3. Illi waqt li kien qiegħed jitwettaq dan ix-xogħol ta' *'upgrading'* tas-sistema, rriżulta li kien hemm deterjorazzjoni fil-kundizzjoni tal-*main*, bil-konsegwenza li ġew kontaminati xi spejjer;

4. Illi in vista tas-suespost, id-Dipartiment kompetenti u ċioe' dak ta' l-Agrikoltura, għamel stima tad-danni kkaġunati, fuq liema stima id-Dipartiment tad-Drenaġġ ħareġ żewġ pagament lill-atturi, u ċioe' wieħed ta' Lm1,922.5 u l-ieħor ta' Lm997;

5. Illi mill-kampjuni kollha meħuda regolarment fl-inħawi tal-Qammiegħ mid-Dipartiment tad-Drenaġġ, wara li tlestew l-imsemmija xogħlijiet sa llum, baqa' jirriżulta konsistentement illi l-ammont ta' *'faecal coliforms'* li normalment ikun preżenti kemm fid-drenaġġ, kif wkoll fil-fertiliżżant naturali wżat mill-bdiewa, u li hemm preżenti fl-ilma ta' dawn l-ispejjer mhuwiex tali li jikkonstitwixxi kontaminazzjoni ta' l-ilma li jeskludih mill-użu għat-tisqija;

6. Illi r-riħa li tissemma mill-atturi ma jfissirx li hemm preżenza tad-drenaġġ fl-ilma u dana kif jirriżulta mill-kampjuni meħuda mid-Dipartiment esponenti, u dana wkoll peress li l-preżenza ta' riħa fl-ilma li mhux trattat hi komuni;

7. Illi ttieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa li kien hemm bżonn fiċ-ċirkustanzi sabiex tinbidel u titkabbar is-sistema tal-*mains* tad-drenaġġ;

8. Għaldaqstant kwantu diretta kontra l-esponenti, kwalunkwe talba ulterjuri da parti ta' l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif wkoll f'dan l-istadju frivola u vessatorja, kif ser jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

9. Salv l-eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza preliminari tagħha mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2003 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet;

Rat id-digriet mogħti fl-istess udjenza li permezz tiegħu ġie nominat il-kompjant A.I.C. Frederick Doublet bħala perit tekniku u r-rapport tiegħu debitament maħluf;

Rat id-digriet tas-16 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma assumiet l-atti minflok id-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenaġġ;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza ;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu danni għar-raġunijiet spjegati fid-dettall fiċ-ċitazzjoni. Il-perit tekniku wasal għal dawn il-konklużjonijet:

*i. Sar tniġġiż mis-sistema tad-drenaġġ fil-Qammiegħ fejn l-atturi għandhom l-għelieqi u s-serer u saret ħsara lill-ispieri numru 1 li għandu sehem minnha Joseph Attard u lill-ispiera numru 6 li għandu sehem minnha Joseph Galea;*

*ii. Dan it-tniġġiż ikkawża danni lill-atturi;*

*iii. Id-Dipartiment tad-drenaġġ illum il-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma, Sezzjoni Drenaġġ huma responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi;*

Il-perit tekniku mbagħad spjega fid-dettall l-ammont ta’ danni li għandhom jitħallsu lill-atturi u kkonkluda li l-attur Attard għandu jitħallas is-somma ta’ erbgħa u għoxrin elf, disa’ mija u ħmistax-il Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€24,915.15) u l-attur Galea s-somma ta’ tnejn u għoxrin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€22,634.72).

Il-Qorti fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex m’għandhiex taddotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-kompjant espert tekniku. Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta’Gunju 1967 fl-ismijiet **“Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et”:** *“għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali struttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu ‘il giudizio dell’ arte’ espress mit- tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta’ lilha mogħtija b’talba ta’ nomina ta’ periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke’ ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi rraġonevoli.”*

Jirriżulta mill-provi illi għad-danni subiti mill-atturi kien jaħti id-Dipartiment tad-Drenaġġi llum il-Korporazzjoni ġia’ msemmija u jidher ukoll li l-ħsara in kwistjoni ġiet irranġata f’Ottubru 2002 għalkemm il-perit tekniku kien xettiku ħafna dwar dan u fil-fehma tiegħu meta sar l-aċċess f’Novembru 2003 kien għad hemm sinjali tal-kontaminazzjoni. (fol 476). Madankollu jidher li ma hemmx lok li jiġu milqugħa r-raba’ u l-ħames talba.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *eccetto* d-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenaġġ (u per konsegwenza l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma) u filwaqt li tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront ta’ dawk il-konvenuti, tilqa’ l-ewwel tlett talbiet attriċi fil-konfront tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u tikkundannaha tħallas is-somma ta’ tnejn u għoxrin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Euro u tnejn u**

**sebgħin ċenteżmu (€22,634.72) lill-atturi Galea, u erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u ħmistax-il Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€24,915.15) lill-atturi konjugi Attard; tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u tal-ħames talba; l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-istess Korporazzjoni *eccetto* dawk ġia' deċiżi bis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2003.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------